# INAWGURAT SPAZJU AĦDAR ĠDID FIL-KUMPLESS PREISTORIKU TA' ĦAL TARXIEN

**Stqarrija I 26 ta' Novembru 2024**

Heritage Malta, b'kollaborazzjoni ma' The Alfred Mizzi Foundation, inawgurat ġnien ġdid fil-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien. Din l-inizjattiva ssaħħaħ dan is-Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO billi tgħaqqad il-wirt kulturali ma' dak naturali.

Għalqa fuq wara tal-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien ġiet trasformata fi ġnien aċċessibbli mill-pubbliku li jżur dan is-sit, li minbarra l-wirt kulturali issa se joffri ambjent naturali isbaħ. Disa' mitt siġra u pjanta ġew magħżula akkuratament u b'raġuni partikolari – huma indiġeni għall-kampanja Maltija, fosthom uħud li, wara studji xjentifiċi, ġew ikkonfermati li kienu jikbru f'Malta fi żminijiet Neolitiċi.

Dan il-proġett kien possibbli permezz tal-finanzjament ġeneruż minn The Alfred Mizzi Foundation, li din is-sena qed tiċċelebra l-għoxrin anniversarju tagħha. Il-finanzjament inkluda wkoll inizjattiva li saret aktar kmieni fis-sit – Ġnien Dinja Waħda. Heritage Malta kkumplimentat il-proġett billi bniet ħajt ġdid biex iservi ta' konfini fuq wara tal-kumpless preistoriku. Il-ħajt jiżgura l-preservazzjoni tas-sit u jipprovdi ambjent aħjar għal dawn l-inħawi kif ukoll spazju ta' paċi għall-viżitaturi.

Il-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien għandu post importanti ħafna fl-istorja tal-perjodu Neolitiku tardiv u dak ta' Żmien il-Bronż bikri. Skopert fl-1913, is-sit huwa mqassam f'format partikolarment uniku b'arkitettura monumentali, u jżomm fih l-akbar kollezzjoni ta' artefatti Neolitiċi misjuba fuq il-gżira.

Kenneth Gambin, il-Kap tal-Operat ta' Heritage Malta, ikkummenta: "Dan il-ġnien jikkumplimenta b'mod sabiħ is-sinifikat preistoriku tas-sit, u joħloq esperjenza akar ħolistika għall-viżitaturi, li tgħaqqad il-wirt storiku man-natura."

Anthony Scicluna, Deputat Chairman ta' Heritage Malta, enfasizza: "Dan il-proġett huwa turija ċara ta' x'jista' jitwettaq b'kollaborazzjoni bħal din. Flimkien ma' The Alfred Mizzi Foundation, saħħaħna wieħed mill-aktar siti storiċi ewlenin f'Malta."

Julian Sammut, iċ-Chairman ta' The Alfred Mizzi Foundation, saħaq: "Ninsabu kuntenti ħafna li qed inkomplu nappoġġjaw l-isforzi ta' Heritage Malta biex tħares il-wirt kulturali u naturali tagħna. Dan jaqbel perfettament mal-missjoni tal-fondazzjoni li tipproteġi l-wirt u ssebbaħ l-ambjent tagħna. Dan il-ġnien se jagħmel żjara f'dawn it-tempji mill-isbaħ saħansitra aktar pjaċevoli u aktar attraenti għat-tfal u l-familji."

Dan il-ġnien ġdid jenfasizza r-rwol tal-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien bħala monument tal-wirt kulturali Malti, li joffri lill-viżitaturi spazju biex jirriflettu fuq l-istorja għanja tal-gżira filwaqt li jgawdu l-ġmiel naturali tagħha.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta